IL-KNISJA TA' SAN GAKBU FIL-BELT

F'Malta u Għawdex għandna sitt knejjes dedikati lill-San Gakbu l-Kbir, bin Żebedew u hu San Gwann, wieħed mit-tliet Appostli l-aktar maħbubin minn Gesu. Dawn l-knejjes qegħdin Ħaż-Żebbuġ (amministrati mill-Kattidral), il-Belt, fin-Naxxar, fiż-Żurrieq, Ħal-Luqa u fir-Rabat ta' Għawdex. Barra dawn kien hawn knisja oħra ta' San Gakbu f'Ħaż-Żabbar u kappella fil-ħabs tal-Isqof fil-Birgu, li ma għadhomx jidhru aktar. Fost il-kappelli tal-Lingwi fil-Knisja Konventwali, illum Konkatedrali, ta' San Gwann insibu l-Kappella ta' Kastilja u l-Portugall dedikata lill-San Gakbu il-Kbir.

Minn Mons. Prof. A. Bonnici

Illum fettilli nagħżel il-knisja ta' San Gakbu tal-Belt u bħas-soltu ngħidilkom xi ħaġa fuqha. Fl-1612, Fra Pietru Gonzales de Mendoza, Gran Kanċillier tal-Ordni, ta l-flus biex tinbena knisja fi Triq Merkanti, allura msejħa Triq San Gakbu, u, billi hu kien membru fil-Lingwa ta' Kastilja, ried li tkun iddedikata lill-San Gakbu, Patrun ta' dik il-Lingwa. Il-knisja nbniet u ħdejha telgħet dar ukoll. B'tifkira ta' dik l-għotja, fis-sagristija tal-istess knisja, twaħħlet irħama mal-ħajt, li wieħed għadu jista' jara sallum.

PJANTA TA' ARKITETT MALTI

Mal-mitt sena wara, fl-1710, il-knisja tkabbret, mid-dehra fuq pjanta ġdida magħmula mill-arkitett Malti Gwanni Barbara. Illum hi meqjusa bħala ġemma ta' arkitettura ekklezjastika.

Il-knisja, ta' għamla ellittika jew ovali, għandha żewġt ibwieb; wieħed ewlieni fi Triq Merkanti u ieħor sekondarju fi Triq Brittannia, li m'għadux użat iżjed bħala bieb, iżda jidher aktar bħala tieqa xi tlieta jew erba' piedi 'l fuq mill-art.

Dnub li dawk li jgħaddu minn quddiem dik il-knisja ma jagħtux każ tal-faċċata tagħha. Mal ġnub tal-bieb, imżejjen bi skultura, wieħed jara żewġ daħliet (niċeċ), huma wkoll imżejnin u magħluqin bejn erba' pilastri. Fuq il-bieb, fit-tieni ordni, tinfetaħ tieqa imżejna malġenb u fuqha arma u ornamenti oħra. Fejn erba' pilastri oħra wieħed jara żewġ "panels" skolpiti li jimlew il-vojt ta' bejniethom, fuqhom ornament ta' girlanda. Il-knisja tagħlaq b'koppla bis-salib tal-Ordni fil-quċċata.

Illum wieħed jidħol f'dik il-knisja bis-saħħa ta' 3 targiet ta' rħam li jinfirxu quddiem il-bieb; iżda fiż-żmien kont titla' b'taraġ doppju u parapett bħal dak ta' knejjes oħra fil-Belt (il-Vitorja, S. Katerina d'Italja u S. Katarina l-oħra). Naħseb li kien hemm taraġ ieħor bħalu fi Triq Britannika.

GEMMA TAL-ARTI TAL-KNISJA

Jekk S. Gakbu huwa sabiħ fil-faċċata tiegħu, il-knisja tolqtok ferm iktar minn ġewwa. L-għamla tagħha, kif għidna hija ovali (bħal bajda) bi tliet daħliet jew niċeċ, waħda għall-artal maġġur u tnejn oħra mal-ġnub. Bejn 8 pari ta' pilastri doppji jinfetħu 4 daħliet oħra: it-tnejn ta' ħdejn l-artal jagħtu għas-sagristiji.

Erba' gallarijiet bil-balabostri jinfetħu fuq dawk id-daħliet u jagħtu aktar ħajja lill-knisja, li tieħu d-dawl mil-lanterna tal-koppla sewwa sew f'nofsha. Jingħad, u hekk hu, li ħafna studenti tal-Arkitettura jinbgħatu f'dik il-knisja biex jagħmlu pjanta tagħha bħala studju.

Illum, il-bieb tal-ġenb hu magħluq u d-daħla bdiet isservi bħala post għalli "Schola Cantorum" tal-Istitut. Id-daħla l-oħra sservi bħala post għall-ebdomadarji jew tfal li jmexxu lill-oħrajn fil-kant u fit-talb tal-kongregazzjoni.

Niġu issa għall-artal maġġur. artal sabiħ ta' rħam, iddominat mill-kwadru titolari ta' San Gakbu bħala pellegrin impitter mill-magħruf pittur taljan Filippo Paladini (1544-1614). Taħt dan il-kwadru kbir hemm fuq l-artal kwadru ieħor żgħir, iżda devot ħafna, tad-Duluri. Isimgħu l-istorja tiegħu fil-qosor. Fis-sena 1646, sitt xwieni Franċiżi u Olandiżi qabdu xini Venezjana bi glied, u waqt it-taqtiegħa xi suldati skunxenzjati bdew jagħtu bix-xwabel tagħhom fuq kwadru tad-Duluri li kjerku tal-Ordni kien qed iġorr miegħu minn Spanja, koppja tal-Madonna ta' Soledad f'Madrid. Dak il-kjerku b'ħila bkira ħadulhom minn taħt idejhom u wasslu hawn Malta, fejn saret proċessjoni l-aktar solenni bi tpattija għall-insulti li qalgħet il-Madonna, u qegħduh fil-knisja ta' San Gakbu, wara t-talba li għamlu l-kavallieri ta' Kastilja. Dawn waqqfu wkoll hemm hekk fratellanza imsejħa ta' "l-Ilsiera ta-Verġni Addolorata" u bdew jiċċelebraw il-festa tad-Duluri b'solennita' kbira. Sallum, fil-Gimgħa tad-Duluri, għadhom jitqaddsu fil-knisja quddies tal-fundazzjoni u ssir funzjoni filgħaxija, li sa ftit snin ilu kienu jingabru għaliha, biex ikantaw, l-"old boys" ta' S. Gakbu, taħt it-tmexxija tas-Sur Charles Lowell, P.E.P., li baqa' sakemm felaħ jgħallem lit-tfal tal-Istitut ta' San Gakbu l-kant, b'paċenzja u kostanza liema bħalha. Il-Bambin jagħtih is-saħħa u jippremjah aktar 'il quddiem tal-ħidma qaddisa tiegħu!

L-ISTITUT TA' SAN GAKBU

Ladarba issa dħalna fuq l-Istitut Malti ta' Edukazzjoni Kattolika, ngħidu li dan l-Istitut twaqqaf fis-sena 1840 taħt il-patroċinju tal-Qalb Immakolata ta' Marija. Ha sehem kbir fit-twaqqif tiegħu l-Ġiżwita Polakk Massimiljanu Ryllo, li kien Malta f'dik il-ħabta, liebes b'libsa ta' għarbi, għax kien ġej mill-missjoni fis-Sudan.

Jiena niftakar bħala Diretturi ta' dak l-Istitut lill-Mons. Schembri u lill-Mons. Ceravolo, it-tnejn diretturi dedikati għal dak l-Istitut. Proprju waqt li kienu qegħdin isiru l-festi ċentinarji fl-1940 skoppjat il-gwerra u dak l-Istitut tant imsemmi ħa daqqa ta' ħarta kbira. Wara rega' infetaħ, iżda l-ħajja żagħżugħa ta' darba kienet spiċċat għal ħafna raġunijiet, fosthom it-tbegħid mill-Belt ta' ħafna familji li tradizzjonalment kienu jibgħatu 'l uliedhom San Gakbu, it-twaqqif ta' għaqdiet kattoliċi, bħal Mużew, u l-Azzjoni Kattolika u l-Legion of Mary, li bdew jiġbdu lit-tfal u żżgħażagħ għal ħdanhom u, iżjed, l-indifferenza tal-ġenituri li jibgħatu lil uliedhom jitgħallmu d-dotrina. Kemm tfal u żgħażagħ ħarġu, matul is-snin, minn dak l-Istitut, mgħonijin bi prinċipji nsara li belgħu fi ċkunitom, prinċipji li servewhom fil-ħajja professjonali jew teknika tagħhom, u meta ffurmaw familja jew ħaddnu s-saċerdozju jew il-ħajja reliġjuża!

Kemm kienu konsolanti dawk il-granet sewwa sew qabel skuppjat il-gwerra, meta l-Istitut iċċelebra għeluq il-mitt sena tal-eżistenza tiegħu u tfakkar il-gid li ħareġ minnu. Niftakar għal dik iċ-ċelebrazzjoni kienu jassistu l-"old boys" ta' San Gakbu u ħafna minnhom ħadu sehem attiv ħafna fihom. Jien kont ngħir għalihom; iżda, għa kemm ma kontx wieħed minnhom, kienu tawni xi biċċa xogħol x'nagħmel ukoll u jien aċċettajtha bil-ferħ.

KONT ILI NAF BIH

La taħsbux li, għax jiena kont mill-Isla, ma kontx naf bih San Gakbu. Ma kontx niffrekwentah bħala tifel, iżda kont nisma ħafna fuqu. Meta kont il-Liceo kelli ħafna ħbieb studenti oħra li kienu jiffrekwentawh, fosthom Edgar Dandria (hu Mons. Dandria) Victor Camilleri, Edgar Cuschieri u oħrajn: uħud minnhom kienu jieħdu sehem fil-Gari Katekistiċi kbar u tamużi tal-Istitut, li, kif kienu jgħiduli, kienu jitwalu sal-10 ta' billejl, sakemm jibqa' l-aħħar wieħed li kien dikjarat imperatur u dak ta' warajh Prinċep, u msellmin bl-innu tal-Istitut.

Barra minn dan il-Kanonku Bonanno, li kien Direttur tal-Kandlora fl-Isla (u wara sar Arċipriet), kien huwa wkoll isemmilna b'entużjażmu kbir il-kor famuż ta' San Gakbu dirett mis-Surmast Caruana. Kien isemmilna s-"Super flumina Babylonis" li darba kantaw it-tfal tal-post.

Hu kien tgħaxxaq bihom u dejjem xtaq li l-kor tagħna jasal biex ikanta bħalhom. Insomma dak iż-żmien ta' tfuliti San Gakbu kien l-ideal ta' Istitut ta' Edukazzjoni Kattolika!

Dak li ma kellix ix-xorti nieħu sehem fih ċkejken, organizzajtu meta sirt qassis, bħala Direttur tal-Kandlora fl-Isla mil-1928 sal-1937, u ta' San Gakbu stess mill-1947 sal-1957.